Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Ritienne Gauci)

vs

William Francisco Arenas Yepes

Kumpilazzjoni 674/22

Illum, 12 ta' Novembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra William Francisco Arenas Yepes detentur tal-passaport Kolombjan bin-numru AT001357 akkuzat talli nhar il-10 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas-6:00 ta' flghaxija minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Eurosport' sitwat gewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara:

1. ikkommetta serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjeta Eurosport Ltd. u/jew ta' xi persuna/i

oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin;

2. u aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, permezz ta' arma irregolari (tnalja), ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Rachel Sahagun Canuto, skond kif iccertifikat minn Dr Owen Mifsud Med Reg No 2953;

U aktar talli nhar l-04 ta' Marzu 2022 bejn it-3:00 u t-3:45 ta' wara nofsinhar minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Adidas Store' sitwat gewwa Duke Complex, Triq ir-Repubblika, Rabat Ghawdex:

3. ikkommetta serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjeta Eurosport Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħatja jħallsu d-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra

ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Rachel Sahagun Canuto u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija, il-Qorti hija wkoll mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' Artikolu 64(2), 214, 215, 222(1), 261(a) (b) (f), 262 (2), 263 (a), 264 (1), 270, 274 (c), 277 (b), 382A, 383, 384, 385, 412C, 532(A) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Prezentata

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni bikrija tal-akkuzi kif dedotti kontrih u wkoll rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jahsibha;

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni bikrija u stante li r-res furtiva giet ritornata lura lis-sid, il-Qorti qed issib lill-imputat William Francisco Arenas Yepes hati tal-akkuzi kollha kif dedotti hlief ghall-aggravju tal-vjolenza fl-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18)-il xahar, filwaqt li ma ssibux hati tal-aggravju tal-vjolenza kontemplat fl-ewwel (1) akkuza.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputat William Francisco Arenas Yepes ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**